**Parlament Ewropew**
2014-2019

**TESTI ADOTTATI**

# P8_TA(2018)0435

## Is-sitwazzjoni fil-Baħar ta' Azov

### Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Ottubru 2018 dwar is-sitwazzjoni fil-Baħar ta' Azov (2018/2870(RSP))

*Il-Parlament Ewropew*,

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet preċedenti tiegħu dwar ir-Russja u l-Ukrajna,

– wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kelliem tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE) tal-15 ta' Mejju 2018 dwar il-ftuħ parzjali tal-Pont ta' Kerch,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar, it-Trattat dwar in-Nonproliferazzjoni tal-Armi Nukleari u l-Karta tan-NU,

– wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2018/1085 tat-30 ta' Lulju 2018 li temenda d-Deċiżjoni 2014/145/PESK dwar miżuri restrittivi fir-rigward ta' azzjonijiet li jipperikolaw jew jheddu l-integrità territorjali, is-sovranità u l-indipendenza tal-Ukrajna[1], li żżid sitt entitajiet involuti fil-kostruzzjoni tal-Pont ta' Kerch mal-lista ta' persuni, entitajiet u korpi li huma soġġetti għal miżuri restrittivi kif stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament (UE) Nru 269/2014,

– wara li kkunsidra l-Ftehim bejn il-Federazzjoni Russa u l-Ukrajna dwar il-kooperazzjoni fl-użu tal-Baħar ta' Azov u l-Istrett ta' Kerch tal-2003, il-Memorandum ta' Budapest dwar Garanziji ta' Sigurtà tal-5 ta' Diċembru 1994 u l-Pakkett ta' Miżuri għall-Implimentazzjoni tal-Ftehimiet ta' Minsk tat-12 ta' Frar 2015,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 123(2) u (4) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

A. billi s-sitwazzjoni fil-Baħar ta' Azov kienet indirizzata bil-ftehim bilaterali tal-2003 bejn l-Ukrajna u r-Russja, li jiddefinixxi dawn it-territorji bħala ilmijiet interni taż-żewġ Stati u jagħti liż-żewġ partijiet is-setgħa li jispezzjonaw bastimenti suspettużi; billi kemm il-ftehim tal-2003 kif ukoll il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar jipprevedu l-libertà tan-navigazzjoni;

B. billi l-bini tal-Pont ta' Kerch u pipeline tal-gass kif ukoll it-tqegħid ta' kejbils ta' taħt il-baħar mal-peniżola annessa illegalment tal-Krimea mingħajr il-kunsens tal-Ukrajna

[1] ĠU L 194, 31.7.2018, p. 147.

jikkostitwixxu ksur ieħor tas-sovranità u l-integrità territorjali tal-Ukrajna mill-Federazzjoni Russa;

C. billi l-Pont ta' Kerch jillimita d-daqs tal-vapuri li jistgħu jilħqu l-portijiet Ukreni fuq il-Baħar ta' Azov għal pixka tal-arja ta' inqas minn 33 metru u tul ta' inqas minn 160 metru, li għamilha impossibbli għal bastimenti tal-kategorija Panamax, li jammontaw 'il fuq minn 20 % tat-traffiku kollu tal-vapuri qabel il-bini, li jidħlu fil-Baħar ta' Azov; billi qabel il-ftuħ tal-Pont fl-Istrett ta' Kerch fir-rebbiegħa ta' din is-sena, l-ispezzjonijiet kienu każwali u mhux intrużivi u ma ħolqux tfixkil fil-fluss liberu tal-bastimenti u l-merkanzija;

D. billi r-Russja sikwit twaqqaf u tispezzjona b'mod abbużiv il-bastimenti li jkunu għaddejjin mill-Istrett ta' Kerch fi triqthom lejn jew mill-portijiet Ukreni; billi dawn il-proċeduri jikkawżaw dewmien sa ġimgħa u jirriżultaw fi tnaqqis fil-flussi tal-merkanzija u telf finanzjarju tanġibbli għall-ekonomija lokali fl-Ukrajna u n-negozjanti li l-bastimenti tagħhom huma soġġetti għal dan ir-reġim; billi, skont is-sorsi tal-Gvern Ukren, aktar minn 200 bastiment kellhom jgħaddu minn din il-proċedura eċċessiva sal-aħħar ta' Settembru 2018, inkluż aktar minn 120 vapur irreġistrati fl-UE, filwaqt li vapuri bil-bandiera Russa kienu eżentati minn dawn il-kontrolli;

E. billi dawn l-ibliet u r-reġjun tal-madwar diġà qegħdin iħabbtu wiċċhom ma' konsegwenzi ekonomiċi u soċjali negattivi minħabba l-annessjoni tal-Krimea u l-kunflitt appoġġjat mir-Russja li għadu għaddej fil-Lvant tal-Ukrajna; billi dan l-att il-ġdid mir-Russja diġà kellu impatt negattiv sinifikanti fuq l-ekonomija lokali u wassal għal tnaqqis qawwi fil-fatturat tal-merkanzija tal-portijiet Ukreni;

F. billi l-bini ta' dan il-pont massiv kellu impatt negattiv fuq l-ambjent, baxxa l-livell tal-baħar fl-Istrett u affettwa l-iskambju tal-ilma bejn il-Baħar ta' Azov u l-Baħar l-Iswed;

G. billi f'Settembru 2018 l-Ukrajna ddeċidiet li tirrevoka t-Trattat ta' Ħbiberija, Kooperazzjoni u Sħubija ffirmat fl-1997 bejn l-Ukrajna u l-Federazzjoni Russa, u li toħloq bażi navali fil-Baħar ta' Azov, b'żieda ulterjuri tal-preżenza militari tagħha hemmhekk billi ttrasferixxiet forzi addizjonali tal-Korpi Marittimi u artillerija kostali f'dik iż-żona kostali;

1. Jiddeplora l-attivitajiet eċċessivi tal-Federazzjoni Russa fil-Baħar ta' Azov, safejn dawn jiksru d-dritt marittimu internazzjonali u l-impenji internazzjonali tar-Russja stess; jikkundanna l-waqfien u l-ispezzjoni eċċessivi ta' bastimenti kummerċjali, inklużi kemm vapuri Ukreni kif ukoll dawk bi bnadar ta' stati terzi, inklużi vapuri taħt bnadar ta' diversi Stati Membri tal-UE; jenfasizza li l-ispezzjonijiet tal-bastimenti, filwaqt li huma permessi li jsiru b'mod każwali, ma għandhomx jiġu abbużati jew imwettqa għal raġunijiet politiċi bl-għan li jiddestabbilizzaw ulterjorment is-sigurtà, l-integrità u s-sitwazzjoni soċjali u ekonomika fl-Ukrajna; jistieden lill-Kunsill u lill-Viċi President tal-Kummissjni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (VP/RGħ) jitolbu li l-Federazzjoni Russa ttemm minnufih l-ispezzjonijiet intensivi u diskriminatorji fuq il-bastimenti u, fejn ikun meħtieġ, jikkunsidraw kontromiżuri xierqa;

2. Jesprimi t-tħassib serju ħafna tiegħu dwar is-sitwazzjoni ta' sigurtà ferm volatili fil-Baħar ta' Azov, li tista' faċilment teskala għal kunflitt miftuħ; huwa mħasseb serjament dwar il-militarizzazzjoni kontinwa tal-Baħar ta' Azov u r-reġjun tal-Baħar l-Iswed,

b'mod partikolari tal-peniżola okkuppata u annessa illegalment tal-Krimea, l-iżvilupp ta' kapaċitajiet li jipprevjenu u jimpedixxu l-aċċess għaż-żoni (A2/AD) mill-Federazzjoni Russa, inklużi sistemi ġodda kontra l-inġenji tal-ajru S-400, u l-iskjerament mill-ġdid tal-bastimenti militari u tal-għassa mill-Baħar Kaspjan; jiddispjaċih li l-Baħar ta' Azov sar dimensjoni marittima ġdida ta' azzjonijiet belliġerenti Russi kontra l-Ukrajna;

3. Jikkundanna l-bini tal-pont fuq l-Istrett ta' Kerch li jgħaqqad il-peniżola tal-Krimea annessa illegalment mar-Russja kontinentali, u l-ksur tad-drittijiet tan-navigazzjoni fl-ibħra territorjali tal-Ukrajna; jirrimarka li r-Russja hija marbuta bid-dritt marittimu internazzjonali u bil-ftehim ta' kooperazzjoni bilaterali mal-Ukrajna li ma xxekkilx jew timpedixxi l-passaġġ ta' tranżitu permezz tal-Istrett ta' Kerch u l-Baħar ta' Azov;

4. Itenni l-appoġġ tiegħu għall-indipendenza u l-integrità territorjali tal-Ukrajna, jirriafferma s-sovranità tal-Ukrajna fuq il-peniżola tal-Krimea u l-parti tagħha tal-Baħar ta' Azov u d-dritt assolut tal-Ukrajna li jkollha aċċess sħiħ għall-Baħar ta' Azov, kif minqux fil-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar;

5. Jiddeplora l-estrazzjoni illegali tar-riżorsi taż-żejt u tal-gass min-naħa tal-Federazzjoni Russa mit-territorju Ukren; jenfasizza l-periklu possibbli tar-Russja li taħtaf ir-riżervi Ukreni eżistenti taż-żejt u tal-gass fil-Baħar ta' Azov ladarba tikseb l-għan tagħha li tittrasformah f'lag intern fi ħdan il-Federazzjoni Russa;

6. Jissottolinja li dan il-ksur sistematiku tal-ibħra territorjali ta' pajjiżi Ewropej jew l-imblukkar tat-trasport marittimu diġà ġie eżerċitat mir-Russja fil-Baħar Baltiku, b'mod partikolari kontra l-Istati Baltiċi u l-Polonja (il-Laguna tal-Vistula);

7. Jappella lill-VP/RGħ biex issegwi aktar mill-qrib is-sitwazzjoni tas-sigurtà li qed tevolvi fil-Baħar ta' Azov, minħabba l-possibbiltà tagħha dejjem tikber ta' kunflitt fuq l-għatba tal-Ewropa, li jista' jkollha implikazzjonijiet ta' sigurtà usa' li jaffettwaw direttament lill-UE u lill-Istati Membri tagħha; iqis, f'dan ir-rigward, li jkun utli ħafna li jinħatar Mibgħut Speċjali tal-UE għall-Krimea u r-reġjun ta' Donbass, li r-responsabbiltajiet tiegħu eventwalment ikopru wkoll il-Baħar ta' Azov;

8. Jistieden lill-VP/RGħ tieħu l-passi meħtieġa biex tipproponi li l-mandat tal-Missjoni Speċjali ta' Monitoraġġ tal-OSKE fl-Ukrajna, li jkopri t-territorju kollu tal-Ukrajna, inklużi ż-żoni marittimi, ikopri wkoll iż-żona l-ġdida ta' tensjonijiet fil-Baħar ta' Azov, u jenfasizza li jew il-missjoni għandha tkun mgħammra bil-mezzi neċessarji biex twettaq ir-rwol ta' monitoraġġ tagħha f'żoni marittimi jew inkella għandha tiġi stabbilita missjoni separata ta' monitoraġġ internazzjonali għal dan il-korp tal-ilma;

9. Jissottolinja li l-Pont ta' Kerch inbena illegalment u jilqa' d-deċiżjoni tal-Kunsill li jimponi miżuri restrittivi fuq sitt kumpaniji involuti fil-bini tiegħu; iħeġġeġ lill-VP/RGħ, flimkien mal-Istati Membri tal-UE fil-Kunsill, biex jagħmluha ċara li s-sanzjonijiet immirati kontra r-Russja se jissaħħu jekk il-kunflitt fil-Baħar ta' Azov ikompli jeskala;

10. Itenni t-tħassib tiegħu dwar il-kumpaniji Ewropej involuti fil-bini tal-Pont ta' Kerch li, bl-involviment tagħhom – konxjament jew bla ma jafu – ikkompromettew is-sanzjonijiet tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni, f'dan ir-rigward, tivvaluta u tivverifika l-applikazzjoni tal-miżuri restrittivi tal-UE fis-seħħ u fuq l-Istati Membri biex jiskambjaw informazzjoni dwar kwalunkwe investigazzjoni doganali jew kriminali nazzjonali dwar

każijiet fejn ikun hemm possibbiltà ta' ksur;

11. Jappoġġja l-isforzi magħmula min-naħa tal-Ukrajna fl-azzjonijiet diplomatiċi u l-proċeduri legali kollha previsti mid-dritt internazzjonali u l-konvenzjonijiet rilevanti, inkluż il-proċess ta' arbitraġġ li għaddej bħalissa skont il-Konvenzjoni tan-NU dwar id-Dritt tal-Baħar, bil-ħsieb li jiġġieldu kontra l-prattiki ostili Russi fil-Baħar ta' Azov;

12. Jistieden lill-Kummissjoni u lis-SEAE jipprovdu valutazzjoni sħiħa tal-ħsara ekonomika kkawżata mill-imblokk *de facto* u biex jikkunsidraw modi possibbli ta' kif jiġu appoġġjati t-trasportaturi u l-portijiet li ġew affettwati b'mod negattiv, partikolarment billi jsaħħu l-impenn tal-UE f'Mariupol u Berdyansk, filwaqt li jsaħħu r-reżiljenza soċjali u jippromwovu l-iżvilupp ekonomiku ta' dawn l-ibliet u r-reġjun tax-Xlokk tal-madwar tal-Ukrajna;

13. Jinsab imħasseb dwar l-impatt ambjentali avvers tal-Pont ta' Kerch, li jista' jaffettwa l-interessi tal-pajjiżi kollha tal-baċir tal-Baħar l-Iswed; jistieden lill-Ukrajna, lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li jinsabu fix-xtut tal-Baħar l-Iswed jimmonitorjaw is-sitwazzjoni, jiskambjaw informazzjoni rilevanti u jidentifikaw ħtiġijiet potenzjali ta' rimedju;

14. Jesprimi l-kondoljanzi u s-simpatija tiegħu lill-familji tal-vittmi tal-omiċidju tal-massa fil-kulleġġ ta' Kerch fejn 20 persuna nqatlu u għexieren oħra ndarbu fis-17 ta' Ottubru 2018;

15. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill, lill-Kummissjoni, lill-Viċi President tal-Kummissjoni / Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa (OSKE), lis-Segretarju Ġenerali tan-NATO, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Ukrajna, lill-President, lill-Gvern u lill-Parlament tal-Federazzjoni Russa, u lill-Istati Membri tal-UE.